**STQARRIJA MINISTERJALI TAL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA B'RABTA MAL-LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL EWROPEW TAS-6 TA' MARZU 2025**

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** Sur President, matul il-jum tal-Ħamis 6 ta' Marzu, jiġifieri l-Ħamis li għadda, ipparteċipajt f'laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew, li fiha ġew diskussi żewġ temi separati u distinti minn xulxin, daqskemm fiċ-ċirkostanzi preżenti tal-mument huma intimament konnessi. Waħda mit-temi hija l-Ukrajna u t-tieni tema kienet dik tad-difiża u s-sigurtà u t-tisħiħ tagħhom ġewwa l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Nispjega u nenfasizza però li għalkemm huma intimament konnessi, huma distinti u anke l-mod kif pajjiż partikolari vvota dwarhom, kien differenti.

Nibda dwar l-Ukrajna.

Hemmhekk kien hemm sitwazzjoni li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ma ġewx adottati minħabba l-pożizzjoni li ħadet l-Ungerija; mhux il-Bulgarija, kif qal ħaddieħor ilbieraħ. L-aħħar tax-xahar li għadda mmarka t-tielet sena tal-aggressjoni li bdiet fi Frar 2022 mir-Russja fuq l-Ukrajna. Kulma jmur, jiddispjaċini ngħid, qiegħed jiżdied is-sens ta' għeja bl-impatti negattivi li qegħdin dejjem jinħassu f'kull aspett tal-ħajja. Bħala Unjoni Ewropea, u anke aħna individwalment bħala pajjiż, rajna li dejjem konna ta' spalla u tajna l-appoġġ kollu li stajna nagħtu lill-Ukrajna fil-parametri ta' dak li tippermetti l-Kostituzzjoni tagħna. Jiġifieri aħna qatt ma tajna finanzjament għal armi u munizzjon letali. Aħna dejjem tajna kontribut għal apparat li mhux letali. Dak huwa punt li nixtieq nenfasizzah għax huwa l-pedament ta' kollox. Daqstant ieħor iżda, l-isforzi kollha li saru s'issa f'dawn l-aħħar tliet snin huwa dibattibbli jekk kinux biżżejjed biex tiġi ripristinata l-paċi jew le. Li hu żgur huwa li sal-lum għad m'għandniex riżultati tanġibbli li jistgħu jwasslu għall-waqfien mill-ġlied.

Se nkun ċar u kategoriku wkoll dwar il-pożizzjoni li dejjem ħa pajjiżna fuq l-aggressjoni inġusta mir-Russja fuq l-Ukrajna. Niftakar li anke f'dan il-Parlament kien indirizzana l-President Zelenskyy numru ta' xhur sostanzjali ilu u pajjiżna kien dejjem ċar u tkellem dwar l-aggressjoni inġusta mir-Russja fuq l-Ukrajna; dejjem kien ċar li l-Ukrajna għandha l-jedd għall-integrità territorjali tagħha. L-imġiba tagħna u l-pożizzjonijiet li dejjem ħadna fi ħdan il-Kunsill Ewropew u anke f'dak tal-Ħamis li għadda, kienu li dejjem tajna l-kontribut tagħna fil-limiti kostituzzjonali tagħna. Dan għamilnieh mhux biss bil-kontribut finanzjarju imma bil-pożizzjonijiet li dejjem ħadna.

Għaldaqstant imbagħad matul din il-laqgħa kien opportun li flimkien mas-26 kollega mexxejja tal-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea, kellna diskussjoni tajba u għaliha kien hemm ukoll il-President Zelenskyy, fejn iddiskutejna fuq is-sitwazzjoni preżenti u l-iżviluppi – li kienu notevoli – li seħħew fl-aħħar ġranet u fl-aħħar ġimgħat dwar dak li qed iseħħ hemmhekk. Fl-interventi li għamilt appoġġjajt il-

prinċipji, li kien hemm kważi qbil unanimu dwarhom, bl-eċċezzjoni tal-Ungerija, u dawn huma l-prinċipji li: ma jistax ikun hemm negozjati għall-paċi mingħajr ma l-Ukrajna tkun parti minn dawk in-negozjati; li ma jistax ikollna diskussjonijiet marbuta mas-sigurtà fl-Ewropa li jeskludu l-parteċipazzjoni u l-involviment tal-Ewropa, partikolarment tal-Unjoni Ewropea; u li kwalunkwe qbil ta' waqfien mill-ġlied irid ikun biss l-ewwel pass fil-proċess li jinstab qbil komprensiv għall-paċi li jkun akkumpanjat ukoll minn garanziji robusti u kredibbli u li jagħtu serħan il-moħħ.

Dan huwa punt li kien fid-dibattitu internazzjonali fl-aħħar jiem: fejn jidħol il-minerals deal u jekk dan huwiex se jkun akkumpanjat b'dikjarazzjoni formali u bi qbil *in iscritto* formali dwar is-sigurtà, jew jekk huwiex se jkun minerals deal waħdu li *de facto* jagħti dawk il-garanziji ta' sigurtà. Dan huwa punt li s'issa għad m'hemmx qbil dwaru però minn din id-diskussjoni interessanti li kellna, li kienet diskussjoni twila u li fuq iż-żewġ suġġetti ħadet il-ġurnata sħiħa, huwa ċar, u dan ngħidu mhux biss għad-diskussjoni li kellna l-Ħamis imma anke fil-kunsilli ta' qabel, li hemm diverġenza u li żgur m'hemmx unità jew uniformità fi ħdan il-Kunsill Ewropew dwar kif se naslu għal dan il-punt.

Jidher ċar, u dejjem deher ċar f'dawn l-aħħar xhur, li hemm Stati Membri u anke mexxejja ta' istituzzjonijiet jew f'karigi għolja fl-Unjoni Ewropea li għadhom jemmnu li l-uniku tmiem ta' din il-gwerra jista' jseħħ biss jekk l-Ukrajna toħroġ rebbieħa. Dawk huma wħud. Iridu jaslu għal dak il-għan bil-forniment ta' aktar munizzjon, ta' aktar armi, ta' aktar apparat qerriedi tal-gwerra, billi nixħtu aktar finanzjament għal dan il-għan u billi l-Ewropa żżid il-produzzjoni tagħha tal-armi, li tkun tista' tintuża għal dak il-għan ukoll.

Imbagħad hemm oħrajn, li nemmen li qegħdin inkunu aktar realistiċi, anke fil-kuntest taċ-ċirkostanzi kif qed jiżviluppaw minn jum għall-ieħor, li qed nirrikonoxxu li s-soluzzjoni mhijiex dik li jkun hemm aktar ġlied u li l-gwerra tkompli tiħrax, iżda li naħtfu l-okkażjoni mill-iżviluppi li qed iseħħu, u li ninvestu aktar fi sforzi diplomatiċi, madwar il-mejda tal-paċi, biex tinstab soluzzjoni dejjiema.

Sur President, dejjem emmint, kif għamlu wkoll b'responsabbiltà prim ministri ta' qabli, li fi gwerra kulħadd tellief. Nemmen ħafna fl-isforzi diplomatiċi u li fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, is-soluzzjoni diplomatika biss hija dik li tista' twassal għall-waqfien dejjiemi tal-ġlied. 'Dejjiemi' ngħidha b'ċerta kawtela għaliex anke waqt dan il-Kunsill Ewropew, ġew diskussi, b'enfasi partikolari minn dawk il-pajjiżi li jinsabu fil-madwar tal-ġlied, partikolarment b'enfasi mill-pajjiżi Baltiċi u anke mill-Polonja, il-garanziji ta' sigurtà li jistgħu jiġu pprovduti. Dan anke minħabba l-biża' ta' dawn il-pajjiżi li wara li jiġi ffirmat il-minerals deal, jew anke wara li jkun hemm garanziji oħra ta' sigurtà, u hija biża' li ġejja anke minħabba l-isfond storiku, ikun hemm waqfien temporanju, imbagħad ikollok sitwazzjoni ta' aggressjoni li tista' terġa' tibda mill-ġdid. Dik kienet parti tad-diskussjoni li ddibattejna sew dwarha.

Kont qiegħed nitkellem dwar l-importanza tal-isforzi diplomatiċi. Dan huwa punt li jien konvint ħafna dwaru, anke mil-lat morali. Infakkar ukoll li bħalissa fl-Ukrajna, u anke għal dawn l-aħħar xhur, qed jitilfu ħajjithom 40 persuna kuljum. Dan kien punt li għamlu l-President Zelenskyy waqt id-diskussjoni. Għalhekk, jien nemmen li ma tkunx deċiżjoni tajba li bħala Unjoni Ewropea nibqgħu biss nixħtu l-flus lejn il-problema. Infakkar li għal din is-sena, bħala Unjoni Ewropea se nkunu qegħdin nagħtu għajnuna finanzjarja ta' €30 biljun. Dan qed ngħidu b'żieda ma' dak li tajna sal-ġurnata tal-lum, li jammonta għal għexieren kbar ta' biljuni ta' ewro. Din is-sena biss €30 biljun. Malta se tkun qed tagħti s-sehem tagħha, però s-sehem se jkun biss għal dak il-kontribut li ma jmiss xejn ma' armi li huma letali.

Dan ngħidu b'ċertu dieqa, għaliex jien nifhem li l-Ukrajna kienet vittma ta' aggressjoni inġusta, u nifhem li għandha d-dritt għas-sovranità tagħha, però trid tkun realistiku fil-ħajja. Bl-iżviluppi li kien hemm, anke f'dawn l-aħħar ġimgħat, u anke wara l-elezzjonijiet u r-riżultat tagħhom fl-Istati Uniti tal-Amerika, filwaqt li pajjiżna jibqa' kommess għall-ġlieda għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, nemmen ukoll li ħafna popli madwar id-dinja, possibbilment u probabbilment anke tal-Ukrajna, iridu l-waqfien mill-ġlied.

Rajt kummenti reċenti fil-midja u fil-ġurnali ewlenin ta' pajjiżna, anke sal-bieraħ stess, fejn donnhom qed jippruvaw jagħtu xi stampa li ma hija veritiera xejn, dik li pajjiżna qiegħed jistaħba wara l-prinċipju tan-newtralità u tan-non-allineament u qiegħed ikun kodard u jevita milli jitkellem dwar il-ħażin li qiegħda tagħmel ir-Russja. Mhuwa veru xejn, u ngħid bl-aktar mod ċar li aħna nibqgħu ggwidati mis-sewwa u dak li huwa ħażin, se nibqgħu nikkundannawh u ngħidu li huwa ħażin bl-akbar qawwa u mingħajr ebda riżervi. Però żgur li mhu se nħallu lil ħadd ixekkel jew ifixkel il-prinċipji li aħna nemmnu fihom. Mhux se nabdikaw mir-responsabbiltà li għandna lejn il-komunità internazzjonali u se nibqgħu sodi fil-ħidma għall-paċi u d-djalogu.

Ma' dan iżda, Sur President, filwaqt li jien, u nemmen li kulħadd f'din il-Kamra, ma nixtieqx li nara riżultat li jagħti xi forma ta' saħħa lil min qed jikser u kiser il-liġijiet internazzjonali, min-naħa l-oħra ma nemminx li l-armi u l-gwerer huma s-soluzzjoni.

Dan iġibni għat-tema l-oħra, li kienet il-qofol ta' din il-laqgħa straordinarja: id-difiża tal-Unjoni Ewropea. Hemmhekk, fejn f'isem pajjiżi, kuntrarjament għal dak li għoġbu jigdeb il-Kap tal-Oppożizzjoni lbieraħ, meta qal li qgħadt sieket, għamilt mill-inqas erba' interventi fuq dan is-suġġett. Imma tajjeb li meta tkun qed titkellem waħdek ma jkun jista' jmerik ħadd!

Jumejn qabel din il-laqgħa l-President tal-Kummissjoni Ewropea kkomunikat ittra magħna dwar l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tniedi l-istrument li huwa msejjaħ 'ReARM Europe'. Anke fuq l-isem għamilt ir-riżervi tiegħi waqt id-dibattitu li kellna għaliex ma nħossx li dan huwa isem adattat fiċ-

ċirkostanzi. Meta qed nitkellmu fuq sigurtà u difiża ma naħsibx li kienet l-aqwa għażla tal-isem. Forsi hija teknikalità imma hija sinifikattiva wkoll. Il-President tal-Kummissjoni qasmet magħna l-proposta tagħha, li mbagħad ġiet diskussa f'dan il-Kunsill speċjali. Imbagħad fil-Kunsill formali tal-20 u tal-21 ta' Marzu se jkun hemm aktar ħidma mill-Kummissjoni li tkun saret u terġa' titqiegħed għad-diskussjoni.

Il-punt bażilari wara dan l-istrument il-ġdid ReARM huwa n-nefqa ta' €800 biljun fuq medda ta' erba' snin. Kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jista' jagħżel li jidħol f'dan l-istrument b'mod volontarju; nenfasizza li b'mod volontarju. Kull wieħed mis-27 Stat Membru jista' jagħżel li jipparteċipa jew ma jipparteċipax f'self iżda mhux għotjiet, għalkemm diġà kien hemm pajjiżi li bdew jimbuttaw 'il quddiem biex minflok self ikunu għotjiet jew self u għotjiet. Hemmhekk, f'wieħed mill-interventi tiegħi, għamilt l-oġġezzjoni ta' pajjiżna għal li jkun għotja, partikolarment minħabba l-fatt li din tista' ġġib ir-responsabbiltà komuni għar-rifużjoni. Għamiltha ċara li dak ikun punt ta' prinċipju li pajjiżna ma jistax jaċċettah.

Fl-istrument ReARM hemm numru ta' inizjattivi ta' fejn dan is-self jista' jittieħed; ibda mill-munizzjon, mur għall-armi u mur għall-investiment fis-cyber security. U hemmhekk fejn jiddispjaċini nirrimarka l-attentat kontinwu, min-nhar il-Ħamis sal-lum, min-naħa tal-Oppożizzjoni biex idaħħal il-miżinformazzjoni fost il-poplu tagħna.

Kif għedt, fid-deċiżjonijiet tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew fuq l-Ukrajna, l-Ungerija vvutat kontra u allura l-konklużjonijiet, minħabba li jridu jittieħdu b'unanimità, ma ġewx adottati. Fil-fatt, jekk wieħed jara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, li se nqegħedhom fuq il-Mejda tal-Kamra, jara li fuq l-Ukrajna hemm referenza brevi. Imbagħad meta ġejna għas-sigurtà u d-difiża, kuntrarjament għal dak li qed tgħid l-Oppożizzjoni, is-27 Stat konna unanimi.

Id-deċiżjoni ta' pajjiżna kienet vot favur li pajjiżna jżomm man-newtralità tiegħu, mal-prinċipji dwar il-paċi, u li ma ninvestux u ma nissellfux biex jinxtraw armi u munizzjon. Dik hija deċiżjoni ċara u qabel ma morna għall-Kunsill Ewropew rajna li fuq livell tekniku, kienet riflessa fil-paragrafi 10 u 17 tal-konklużjonijiet iżda mbagħad, minħabba li ma kienx hemm konklużjonijiet fuq l-Ukrajna peress li ma kienx hemm l-unanimità, il-konklużjonijiet ġew rinumerati u dik ir-riżerva ċara ta' pajjiżna hija kontenuta fil-konklużjoni numru 8. Qegħedtha fuq il-Mejda tal-Kamra, bl-iswed fuq l-abjad, għax minkejja li hemm konklużjoni bl-iswed fuq l-abjad, hemm min qed jgħid li pajjiżna ma ġabx dik is-salvagwardja. Ġibnieha bl-iswed fuq l-abjad u fix-xhur li ġejjin se nuru biċ-ċar li pajjiżna la se jissellef u lanqas se jinvesti flus biex jixtri armamenti tal-qerda.

Sur President, ilbieraħ segwejt biċċiet minn dak li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni. Nifhem li jinsab f'kantuniera għaliex bil-pożizzjoni li ħadet il-President tal-Parlament Ewropew Roberta Metsola, li qed tappoġġa bi sħiħ u b'terminoloġija voċifera dan il-pjan tal-Ewropa għall-armamenti, il-Partit Nazzjonalista sab ruħu f'sitwazzjoni li jrid isegwi u qed joħroġ jappoġġja dan il-programm ta' nefqa ta' €800 biljun li aħna nemmnu li għandhom imorru għas-soċjal, għall-healthcare, għall-investiment f'enerġija rinnovabbli, għat-titjib tal-edukazzjoni tat-tfal tagħna u biex żgur is-suldati ta' pajjiżna jibqgħu f'pajjiżna u ma jmorrux barra minn xtutna jiġġieldu gwerer oħra.

Fl-20 u fil-21 ta' Marzu 2025 nerġgħu mmorru għall-Kunsill Ewropew. Se nkunu qegħdin inkomplu niddibattu dan il-punt. Il-pożizzjoni ta' pajjiżna se tibqa' waħda mill-aktar ċara illi filwaqt li s-26 Stat Membru jistgħu jagħżlu huma jissellfux jew jinvestux fl-armi, u aħna mhux se nindaħlu fid-deċiżjonijiet li jagħmlu huma, bl-istess mod irnexxielna nassiguraw il-garanzija tagħhom li dan l-istrument jibqa' fakultattiv u li aħna jibqa' jkollna l-għażla li ma niħdux is-self u ma ninvestux fl-armi. Dik kienet il-pożizzjoni tagħna, għadha u se tibqa' l-pożizzjoni ta' pajjiżna.